# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU 1444

Kaz Nru 1726

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Lawrence Grima

u

Palmate Ltd

dwar tkeccija mill-Impieg
allegata li hi ngusta

Illum l-Erbgha 12 ta' Novembru 2003

Chairman: Is-Sur Carmel Debono

1. Introduzzjoni.

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata l-14 ta' Novembru 2002, Ref. MSP/TI/105/2002 biex tigi pprocessata skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligi.

L-appellant Lawrence Grima kien assistit mill-Avukat Michael Grech LL.D. waqt li s-Socjeta' appellata kienet rappresentata mis-Sur Patrick Malaky King, Direttur li kien assistit mill-Avukat Mark Mifsud Cutajar LL.D.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

2. Dokumenti.

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti miz-zewg partijiet.

3. Xhieda.

Tul is-smiegh tal-kwistjoni taw l-evidenza taghhom is-segwenti persuni:

Is-Sur Brian Spiteri – Awditur tas-Socjeta';
Is-Sur Patrick Malaky King – Direttur u Owner;
Is-Sur Lawrence Grima – l-appellant;

4. L-Istorja.

Skond ir-rekords tal-ETC l-appellant, Lawrence Grima kien gie impjegat fl-24 ta' April 1994 bhala Barman mal-Palmate Ltd fil-Lemon 'n Lime Bar u ssensjat fil-31 ta' Awissu 2002 ghar-raguni, skond l-intimati, li s-Socjeta' kienet qeghda tigi xoljuta (*dissolved*) u per konsegwenza t-Tribunal Industrijali ma kellux gurisdizzjoni jidhol fil-meriti tal-kwistjoni.

L-appellant thallas is-somma ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000) ghas-sahra, bonus u leave li kellu jiehu, kif ukoll mitt Lira Maltija (Lm100) fil-gimgha sa l-ahhar ta' Dicembru 2002.

5. Sottomissjonijiet.

Is-Socjeta' ikkontendiet li kienet fi stat ta' "Dissolution" u ghaldaqstant il-kwistjoni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant ma kinitx sindakabbli mit-Tribunal.

L-appellant irrisponda li s-Socjeta' ma kinitx xolta jew "dissolved" u kwindi t-Tribunal kellu l-oneru li jiddeciedi l-kaz tieghu. L-appellant ipproduca dokument tal-*Malta Financial Services Authority* datat l-4 ta' April 2003 biex isostni l-argument tieghu li s-Socjeta' ma kinitx f'"dissolution".

6. Decizjoni Preliminari.

It-Tribunal Industrijali bid-Decizjoni Preliminari Numru 1425 datata l-1 ta' Awissu 2003 irregetta l-argument tas-Socjeta' u accetta li s-Socjeta' kienet ghadha rregistrata bhala tali taht il-Ligijiet ta' Malta u ma kinitx f'*dissolution*.

B'din id-decizjoni Preliminari t-Tribunal iddecieda li s-Socjeta' Palmate Ltd hija sindakabbli u kien dispost jidhol fil-meriti tal-kwistjoni dwar jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kinitx ghall-raguni tajba u sufficjenti skond il-Ligi.

7. Kunsiderazzjonijiet.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-hlas ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000) li rcieva l-appellant kienu flus ta' pagamenti ghas-sahra, leave li ma hax, bonus u pagi ta' l-ahhar ta' Dicembru 2002.

Lanqas ma jidher li hemm kontestazzjoni li hu ma kienx l-ahhar wiehed li gie mpjegat stante li l-impjegata Doris Cini ghalkemm ukoll spiccat mill-impjieg fil-31 ta' Dicembru 2002 regghet giet impjegata mas-Socjeta' Palmate Ltd bhala mpjegata fil-Lemon 'n Lime Bar fl-1 ta' Jannar 2003.

Bid-Decizjoni Preliminari Nru 1425 it-Tribunal iddecieda kontra l-kontenzjoni tas-Socjeta' li kienet fil-fazi ta' "Dissolution" u ghalhekk ma kellux triq ohra, fin-nuqqas tas-Socjeta' li ggib argumenti ohra l-ghala t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kienet ghar-raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi, biex jghaddi halli jghati d-decizjoni tieghu.

Inqala biss l-argument fl-ahhar seduta jekk il-mitt Lira Maltija (Lm100) li l-appellant qal kienet il-"weekly wage" kinitx il-vera paga, li dwarha l-partijet gew mitluba mit-Tribunal biex jghamlu l-osservazzjonijet u kummenti taghhom bil-miktub ghall-kunsiderazzjoni tat-Tribunal.

Bid-Decizjoni Preliminari Nru 1425 ta' l-1 ta' Awissu 2003 it-Tribunal Industrijali irrespinga l-oggezzjoni preliminari tas-Socjeta' li t-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni fuq il-kwistjoni stante li s-Socjeta' kienet qieghda tigi xoljuta.

Kwindi t-Tribunal Industrijali ghadda biex jikkunsidra l-meriti tal-kwistjoni fejn is-Socjeta' fis-sottomissjonijiet finali taghha wara li regghet irrepetiet l-argumenti migjuba b'sostenn tal-oggezzjoni preliminari, ikkontendiet li l-appellant ma kellu l-ebda raguni valida li jghid li l-impjieg tieghu gie tterminat ingustament wara li kien accetta s-somma ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000) bhala "settlement" finali minn ghand is-Socjeta'.

Ghar-rigward tal-kontenzjoni ta' l-appellant li kellu salarju ta' mitt Lira Maltija (Lm100) fil-gimgha s-Socjeta' argumentat li din il-figura ta' mitt Lira Maltija (Lm100) fil-gimgha kienet parti mis-"settlement" li accetta l-appellant biex jigi tterminat l-impieg tieghu minn mas-Socjeta'.

B'zieda ma dan u minghajr pregudizzju ghall-argument tas-Socjeta' li l-appellant kien accetta t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu, ghal kull fini li t-Tribunal jekk jiddeciedi favur l-appellant jawtorizza kumpens, is-Socjeta' irrieteniet li s-salarju veru ta' l-appellant meta kien impjegat mas-Socjeta' kien ta' hamsin Lira Maltija (Lm50) fil-gimgha.

It-Tribunal Industrijali waqt li ma jistax jiddikjara definittivament li s-salarju ta' l-appellant kien ta' mitt Lira Maltija (Lm100) fil-gimgha ghab-bazi tad-dokumenti "A" u "B" datati t-28 ta' Awissu 2002 iffirmat mill-appellant u s-Sur Patrick Malaky

King ghas-Socjeta', lanqas ma jifhem li jista' jaccetta li s-salarju ta' l-appellant kien ta' hamsin Lira Maltija (Lm50) fil-gimgha, tenut kont li l-grad dikjarat ta' l-appellant kien ta' Barman b'mansjonijet ta' "managing" mar-*running* tal-"Lemon 'n Lime Bar".

It-Tribunal Industrijali jinnota li d-dokumenti "A" u "B" esebiti jiddikjaraw car l-iskop li ghalieh saru, stante il-hlas ghall-arrettrati, leave u bonuses dovuti lill-appellant, ma jinkludux dikjarazzjoni li l-appellant kien qieghed jaccetta li l-impjieg tieghu jigi tterminat.

L-asserzjoni li dawn iz-zewg dokumenti kienu jimplikaw l-accettazzjoni da parti ta' l-appellant tat-terminazzjoni ta' l-impieg hija l-interpretazzjoni tas-Socjeta, li t-Tribunal jifhem hija konkluzzjoni zbaljata.

Barra minn hekk ghal dak li jirrigwarda l-mitt Lira Maltija (Lm100) fil-gimgha sa l-ahhar tas-sena, it-Tribunal ma jsib l-ebda divizjoni ta' hamsin Lira Maltija (Lm50) bhala paga fil-gimgha, u kumpens iehor ta' hamsin Lira Maltija (Lm50) ohra fil-gimgha skond is-sottomissjonijet finali tas-Socjeta'.

Din id-divizjoni bl'ebda mod ma hija ndikata fiz-zewg dokumenti "A" u "B" ipprezentati mis-Socjeta'.

Apparti l-kontenut tad-Decizjoni Preliminari tat-Tribunal Industrijali Numru 1425 ta' l-1 ta' Awissu 2003 it-Tribunal isib ukoll li ghalkemm l-impjegata Doris Cini giet issensjata fil-31 ta' Dicembru 2002, hija regghet giet impjegata l-ghada fl-1 ta' Jannar 2003 bhala "Bartender" li fil-fehma tat-Tribunal huwa l-grad ekwivalenti tal-grad ta' "Barman" li kellu l-appellant.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li l-Ligi ma tghamilx distinzjoni tal-grad bis-sess u ghalhekk l-appellant kellu d-dritt ta' l-ewwel preferenza li jerga jigi impjegat fil-grad li kellu ta' "Barman" fl-1 ta' Jannar 2003, qabel Doris Cini li wara kollox ma

kellha l-ebda servizz fil-grad ta' "Bartender" u s-servizz totali mas-Socjeta' kien anqas minn dak ta' l-appellant.

Decizjoni.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali, jsib u jiddeciedi, dejjem fid-dawl tad-decizjoni Preliminari Numru 1425 ta' l-1 ta' Awissu 2003 u l-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant Lawrence Grima ma kinitx tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellant Lawrence Grima ghandu jinghata kumpens xieraq ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ngust li sofra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jordna li s-Socjeta' Palmate Ltd ghandha thallas is-somma ta' tlett elef u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (LM3,025) bhala kumpens fi zmien hmistax-il (15) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet ta' drittijiet li jithallsu, t-Tribunal Industrijal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' erbghin Lira Maltija (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Debono

-----------------------------------

Carmel Debono

Chairman